MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 768/2004

**Montaldo Insurance agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fdd-drittijet tal-assikurat taghha Joseph Vassallo**

**vs**

**Carmelo Chircop**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmien lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm380.96) rapprezentanti danni kagunati f'incident stradali li sehh fil-31 ta' Mejju 2002, f'Paola Hill, Paola waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAE 261 u dahal fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBI 135 propjeta' ta' Joseph Vassallo u misjuqa minnu stess ghall-liema ncident kien unikament responsabblli Carmelo Chircop

kawza ta' imprudenza negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. L-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-konvenut izda gara unikament htija ta' Joseph Vassallo xufier tal-vettura numru CBI 135.
2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova tad-danni skond il-ligi.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta' attrici.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' David Debono, Colin Cassar, PS 1439 John Tabone, Joseph Vassallo, Kerstan Vassallo u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kolha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Mejju 2002, f'Telghat rahal il-Gdid, Paola bejn il-vetura bin-numru tar-egistrazzjoni CBI 135 misjuqa minn Joseph Vassallo u aasikurata that polza tat-tip comprehensive mas-socjeta' attrici u l-vetura bin-numru tar-registrazzjoni HAE 261 misjuqa mill-konvenut.

Joseph Vassallo xehed li dakinhart tal-incident huwa kien qed isuq il-vettur bin-umr tar0-rgistrazzjoni CBI 135, Huwa kien parkeggjat fil-parking area tal-klabb ta' Paola Wolves u hareg sabiex imur fid-direzzjoni tal-pjazza ta' Rahal il-Gdid. Il-vettura tal-konvenut kient gejja mid-

direzzjoni opposta u tilea' t-telgha. Vassallo jghid li l-konvenut kien qed ihares lejn il-lermin, u huwa ghalhekk waqaf u daqqlu l-horn izda l-vettura tal-konvenut baqghet tinstaq fid-direzzjoni tieghu u baqghet diehla fih. Joseph Vassallo jispjega li l-ewwel darba li ra l-vettura tal-konvenut din kienet madwar tul ta' tlett metri l-boghod minnu. Vassallo kellu lit-tifla passiggiera mieghu. Il-hsara fil-vettura ta' Vassallo kienet fil-ponta ta' quddiem mannaha taxx-ellug.

In kontro-ezami Joseph Vassallo ikkonferma li l-konvenut ma kellux hsara fil-faccata ta' quddiem tal-vettura tieghu u li huwa rah qed isuq fil-*main road* u qed isuq fid-direzzjoni li kien fiha hu. Meta huwa ra l-vettura tal-konvenut din kienet dritta u tiela' l-fuq. Vassallo jsostni li l-habta saret fit-triq u mhux fil-*parking area* u jghid ukkoll li qabe;l ma hareg mill-*parking area* huwa kien hares lejn ix-xellug tieghu.

Il-konvenut xeghed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni HAE 261 gej mid-direzzjoni tal-Malta Ship Building u sejjer fid-direzjoni ta' Ghaddafi Gardens. Huwa kiser biex imur lejn Ghaddafi Gardens, qabad il-parti d-dritta tat-triq, mexa tul ta' vettura u sema' *horn* idoqq u hoss ta' daqqa. Il-konvenut jispjega li meta huwa gie biex idur huwa kien qed jara t-triq li kien ser jidhol fiha u peress li ma keinux gejjin vetturi huwa baqa' tiela'. Il-vettura ta' Vassallo huwa raha biss mal-impatt. Wara li nizel mill-vettura tieghu il-konvenut jghid li nduna li l-vettura ta' Vassallo kienet gejja mid-direzzjoni tal--Klabb tal-Paola Wolves u li din harget minn wara hajt man-naha taxx-ellug tieghu u huwa ghalhekk ma setghax jaraha perss li l-hajt in kwistjoni huwa gholi madwar hames piedi. Il-hsara fil-vettura tal-konvenut kienet fil-genb kollu tax-xellug mill-*mudguard* ta' quddiem sal-*mudguard* ta' wara u kienet tikkonsisti f'selha tibda minn quddiem u sejra lura. In kontro-ezami l-konvenut qabel li l-hajt li semma precedentement huwa gholi madwar hames piedi fil-parti t'isfel tat-telgha u li aktar ma tilta dan il-hajt jisfa' fix-xejn. Ma kienx hemm vetturi parkeggjati mal-hajt tan-naha tal-lemin tal-konvenut.

It-Tribnual ezamina bir-reqqa l-provi prodotti mill-partjiet u d-dokumenti minnhom esebiti u jidhirlu li l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut. Mill-iskizz jirrizulta li l-incident sehh f'Paola Hill u mhux fil-*parking area* ta' Paola Wolves u li Joseph Vassallo kien diga' hareg mill-imsemmija *parking area* u kien beda' niezel Paola Hill. Il-konvenut jammetti li huwa fl-ebda mument ma ra l-vettura ta' Vassallo qabel l-impatt u huwa jipprova jatribiwixxi dan il-fatt ghal hajt gholi li kien hemm man-naha tax-xellug tieghu izda imbaghad in kontro-ezami jammetti li fil-fatt dan il-hajt huwa gholi hames piedi biss fil-parti t-isfel ta' Paola Hill u li dan il-hajt jigi fix-xejn aktar ma wiehed jitla' t-telgha. L-incident sehh fil-parti ta' fuq tat-telgha u ghalhekk il-hajt in kwistjoni huwa baxx f'dik il-parti tat-triq u ma kienx qed jostakola l-vizwali tal-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal l-incident sehh ghaliex kif isostni Vassallo, il-konvenut kien qed ihares lejn il-lemin tieghu meta dar u ghalhekk ma ndunax bil-vettura ta' Vassallo li kienet gejja min-naha tax-xellug tieghu. Il-konvenut fil--fatt jikkonferma li huwa sema' *horn* idoqq. Dan il-fatt ikompli jikkorobora l-verzjoni moghtija minn Joseph Vassallo.

Il-hsara riportata fiz-zewg vetturi wkoll tikorobora l-verzjoni moghtija minn Joseph Vassallo u dan peress li l-konvenut stess jikkonferma li l-hsara fil-vettura tieghu kienet selha li tibda mill-parti ta' quddiem tal-genb tax-xellug u tibqa' sejra lura. Il-hsara fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici kienet fil-ponta ta' quddiem tan-naha tax-xellug. Dan ifisser li Joseph Vassallo kien wieqaf fil-mument li sehh l-impatt u li l-konvenut dahal fih u baqa' jitkaxkar sabiex giet kawzata hsara fil-genb kolu tax-xellug tieghu.

It-Tribunal jidhirlu li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut minhabba negligenza konsistenti f'nuqqas ta' *proper lookout* ghal dak li kien qed jigri fit-triq li kien qed jiprocedi fiha. Huwa kien qed ihares lejn il-lemin u ma ndunax bil-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici geja mid-direzzjoni opposta min-naha tax-xellug tieghu.

Uhud mid-danni reklamati mill-atturi gew kontestati mill-konvenut izda mill-provi, u senjatament mix-xhieda tas-*surveyor* Colin Cassar, irrizulta li l-*parts* li gew mibdula bilfors kellhom jinbidlu u ma setghux jitrangaw. Jidher li s-socjeta' attrici bl-ebda mod ma naqset mill-obbligu taghha ta' danneggjata u cioe' dak li timminimizza d-danni u li d-danni reklamati huma perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident de quo.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmien lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm380.96), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------